MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 46/1988/1

**Citazzjoni Nru: 46/88**

***Carmelo Farrugia bhala legittimu rapprezentant ta' uliedu minuri Carmelo sive Charles, Maria Assunta sive Sonia u Patrick, ilkoll ahwa Farrugia; u Joseph u Paul ahwa Farrugia f' isminhom proprju***

***vs***

***Carmelo Scicluna f'ismu u bhala kuratur deputat tal-assenti Suor Bibiana Scicluna fis-seklu Bernardina, kif konfermat fl-atti tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru 1987, u Nikolina mart Angelo Azzopardi, Josephine mart Joseph Farrugia, Grazzja mart Carmelo Farrugia, Angela mart Gerald Farrugia, Joseph Scicluna, Joseph u Carmen ahwa Grixti, Maria mart Vincent Cascun u Antonio Scicluna bhala eredi jew eredi prezunti tal-mejta Carmela Scicluna u l-***

***Avukat Dr.Paul Lia bhala esekutur testamentarju tal-istess Carmela Scicluna, u b' digriet tat-12 ta' Dicembru 2000, il-Qorti ordnat it-trafuzjoni tal-gudizzju minn Carmelo Scicluna fl-ismijiet Anthony, Angela mart Gerald Azzopardi, Joseph, Maria armla ta' Vincent Cascun, Giuseppa mart Giuseppi Farrugia, Grazia mart Carmelo Farrugia ilkoll ahwa Grixti bhala eredi tal-istess, u b' digriet tal-24 ta' Mejju 2002 jizdied l-isem ta' Nikolina mart Angelo Azzopardi bhala eredi ta' Carmelo Scicluna.***

Illum 30 ta' Mejju 2003

Il-Qorti,

B' att ta' citazzjoni prezentat fl-14 ta' Jannar 1988, l-atturi, wara li **ppremettew**: illi permezz ta' konvenju li sar fil-5 ta' Marzu 1987, l-attur fil-kwalita' tieghu premessa obbliga ruhu li jixtri minghand il-konvenut Carmelo Scicluna li obbliga ruhu li jbigh zewg porzjonijiet ta' art formanti parti mill-ghalqa fil-kontrada ta' Blat il-Qamar is-Siggiewi bil-prezz ta' elfejn lira maltin (Lm2,000); illi in segwitu mietet mart il-konvenut Carmelo Scicluna, Carmela, u l-bicciet art imsemmija kienu jappartjeniu ghall-komunjoni tal-akkwisti bejniethom, u l-konvenut l-ohra huma eredi jew eredi prezunti taghhom, waqt li l-Avukat Dottor Pawlu Lia huwa esekutur testamentarju taghhom; illi nonostante li gew interpellati biex jersqu ghall-kuntratt defenittiv permezz ta''ittra ufficjali datata 16 ta' Dicembru 1987, huma ma ghamlux dan; **talbu** li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

**1.**Tikkundannahom jew min minnhom biex jersqu ghall-formazzjoni u pubblikazzjoni tal-att tal-akkwist tal-zewg porzjonijiet art formanti parti mill-kontrada ta' Blat il-Qamar is-Siggiewi bil-pattijiet kollha indikatifil-konvenju tal-5 ta' Marzu 1987;

**2.**Tinnomina Nutar biex jircevi l-att relattiv, preferibbilment in-Nutar Carmelo Martinelli li rrediga l-konvenju, tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-istess att, u tinnomina kuraturi biex jimpunjaw l-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru 1987 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda u d-dokument minnhom prezentat;

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti **Guza mart Giuseppe Farrugia, Angela mart Gerald Farrugia, Joseph Grixti, Carmen Grixti u Nikolina mart Anglu Azzopardi**, li permezz taghha eccepew:

1. Illi preliminarjament d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-azzjoni odjerni hija ntempestiva peress illi l-att finali qatt ma seta' jigi ppubblikat;

2. Illi l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju in konfront ta' Joseph u Paul ahwa Farrugia stante illi l-ittra ufficjali rikjesta mill-ligi qatt ma ntbaghtet entro t-terminu;

3. Illi inoltre fil-meritu l-konvenju odjern sar bi frodi tad-drittijiet taghhom bhala eredi tal-mejta ommhom Carmela Scicluna;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda ta' dawn il-konvenuti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut **Antonio Scicluna** fejn eccepixxa li l-kuntratt baqa' ma sarx mhux ghal xi raguni imputabbli lill-eccipjenti, u ghalhekk m' ghandux ibaghti l-ebda spejjez.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda ta' dan il-konvenut;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut **Joseph Scicluna** fejn eccepixxa:

1. Illi huwa ma jistghax jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt defenittiv peress illi lanqas jaf jekk huwiex eredi;

2. Fit-tieni lok il-validita' tal-konvenju skadiet u ghalhekk illum m' hemm l-ebda rabta kontrattwali.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda ta' dan il-konvenut;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut **Carmelo Scicluna** *pro et noe*. fejn eccepixxa: illi in kwantu jirrigwarda l-eccipenti huwa ma jopponix ruhu ghat-talba attrici u nfatti huwa minn dejjem kien pront li jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, f' liema kaz m' ghandux ibati spejjez ta' din l-istanza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda ta' dan il-konvenut;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Dottor Pawlu Lia, bhala Ezekutur Testamentarju ta' Carmela Scicluna fejn eccepixxa:

1. Illi huwa qatt ma rrifjuta li jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili in kwistjoni tant li ghamel il-proceduri kollha rikjesti minnu u gab wkoll l-awtorizzazzjoni tas-sekond' Awla tal-Qorti Civili.

2. Illi ghalhekk, salv il-hrug tal-permessi u l-awtorizzazzjonijet kollha mehtiega skond il-ligi, l-eccepjent nomine ghadu dispost jersaq ghall-att finali indikat.

3. Illi ghalhekk l-eccepjent m' ghandux ibaghti ebda spejjez tal-proceduri prezenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda ta' dan il-konvenut nomine;

Rat il-d-digriet mghoti minn din il-Qorti fl-udjenza tal-14 ta' Jannar 2003 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:

***Kwadru tal-fatti***

Illi din il-kawza issib l-origini taghha f' konvenju li kien sar bejn il-kontendenti permezz ta' skrittura[1] datata 5 ta' Marzu 1987 li permezz taghha l-atturi Carmelo Farrugia u Joseph u Paul ahwa Farrugia kienu obbligaw ruhhom li jixtru minghand il-konvenut Carmelo Scicluna li minn naha tieghu kien obbliga ruhu li jibigh, zewg porzjonijiet ta' art formanti parti mill-ghalqa fil-kontrada ta' Blat il-Qamar is-Siggiewi bil-prezz ta' elfejn lira maltin (Lm2,000).

Illi sussegwentement mietet Carmela mart l-konvenut Carmelo Scicluna, u peress li l-fondi in kwistjoni kienu jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti bejniethom, l-eredi ta' l-istess Carmela Scicluna, flimkien mal-konvenut kienu gew interpellati sabiex jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-att finali b' ittra ufficjali datata **16 ta' Dicembru 1987**;  izda dawna baqghu inadempjenti.

Illi l-attur Carmelo Farrugia xehed fl-udjenza tat-12 ta' Novembru 2002 fejn, filwaqt li kkonferma il-fatti premessi, esebixxa kopja tal-imsemmija ittra ufficjali li ggib id-data fuq indikata.[2]

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

---

[1] kopja taghha tinsab annessa mal-att tac-citazzjoni Dok.A
[2] fol.82 *et seq* tal-process dok.CF1.

Illi hadd mill-konvenuti ma ressaq provi in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu; izda it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Joseph Scicluna u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Guza mart Giuseppe Farrugia, Angela mart Gerald Farrugia, Joseph Grixti, Carmen Grixti u Nikolina mart Anglu Azzopardi, jimmeritaw li jigu ezaminati.

Illi in propositu l-Qorti tosserva li skond il-konvenju in disamina, li jgib id-data **5 ta' Marzu 1987**, kien gie espressament konvenut bejn il-partijiet involuti li *"Dan il-konvenju ghandu jibqa' validu sa tlett xhur mil-lum".*

Illi f' dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza ghal dak li hemm kontemplat fl-Artikoli 3, 4 u 5 tal-**Att XVIII tas-sena 1982** li kien ghadu *in vigore* fiz-zmien de quo. Skond l-Artikolu 3 u 5 tal-istess ligi, qabel ma jsir att ta' trasferiment ta' proprjeta' immobbiljara, il-partijiet kellhom, *ad validitatem,* jottjenu l-permess tal-Kummissarju tal-Artijiet u pendenti l-applikazzjoni ghal hrug tal-permess relattiv, it-terminu tal-konvenju jigi sospiz biz-zmien li jghaddi bejn id-data tal-applikazzjoni u l-esitu taghha.

Di fatti l-Artikolu 5 jghid testwalment hekk: *"Meta tkun saret applikazzjoni kif provdut fl-artikolu 4 ta' dan l-Att, il-perijodu ta' validita' tal-ftehim preliminari, li kopja tieghu tkun mehmuza ma' l-applikazzjoni, jigi mtawwal b' dak iz-zmien li jghaddi bejn id-data ta' l-applikazzjonki u l-gurnata li tahbat minnufih wara d-data tal-permess, avviz, jew rifjut tal-Kummissarju moghti that dan l-artikolu."*[3]

Illi mill-provi u precisament mid-Dok.CS, jirrizulta li, wara l-konvenju in kwistjoni kienet saret applikazzjoni ai termini tal-imsemmia Att fis-21 ta' Mejju 1987 li giet processata u nghata l-permess relattiv fit-3 ta' Dicembru 1987[4] . Ghalhekk mill-21 ta' Mejju il-perijodu tal-validita' tal-konvenju kien gie sospiz u rega' gie ravvivat fil-3 ta' Dicembru meta nhareg il-permess relattiv. Sussegwentement meta t-terminu tat-tlett xhur indikat fil-konvenju ma kienx ghadu skada, u precisament fis-16 ta' Dicembru 1987 saret l-ittra ufficjali ndikata fic-citazzjoni.

[3] Sottolinear tal-Qorti
[4] Vide dok.CS *tergo*

B’ hekk il-perijodu, wara li kien gie sospiz, gie ravvivat, u bl-ittra ufficjali rega’ gie estiz skond il-ligi.

***Eccezzjonijiet***

Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet bazati fuq l-allegazzjoni li t-terminu tal-konvenju lahaq skada bir-rizultat li nhall il-vinkolu legali, dawn l-eccezzjonijiet huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Illi rigward it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti **Guza mart Giuseppe Farrugia, Angela mart Gerald Farrugia, Joseph Grixti, Carmen Grixti u Nikolina mart Anglu Azzopardi**, li hi fis-sens li: *“il-konvenju odjern sar bi frodi tad-drittijiet taghhom bhala eredi tal-mejta ommhom Carmela Scicluna” (fol.9)* il-Qorti tosserva li ma ngabet ebda prova attendibbli in sostenn ta’ din l-allegazzjoni serja da parti ta’ dawn il-konvenuti; bil-konsegwenza li anke din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi rigward l-eccezzjonijiet ta’ uhud mill-konvenut, fis-sens li dawna qatt ma rrifjutaw li jersqu ghall-kuntratt defenittiv u ghalhekk ma ghandhomx jehlu bl-ispejjez tal-proceduri odjerni; il-Qorti tosserva li, il-konvenuti ghalkemm kienu gew interpellati skond l-Artikolu 1357 (2) tal-Kap.16, dawna baqghu ma dehrux. Dan jinsab ukoll konfermat mill-attur fid-deposizzjoni tieghu tat-12 ta’ Novembru 2002. Ghaldaqstant dawn anki dawn l-eccezzjonijet huma inattendibbli.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa r-rigett tal-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa’ t-talbiet tal-atturi u, konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti kollha sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att tal-akkwist taz-zewg porzjonijiet art formanti parti mill-kontrada ta’ Blat il-Qamar is-Siggiewi skond u fit-termini tal-konvenju tal-5 ta’ Marzju 1987[5]; tinnomina lin-Nutar Dr. Carmelo Martinelli biex, fi zmien tlett xhur mill-lum, jircevi l-att relattiv f’ data, post u hin mghazul minnu, u tinnomina lill-Avukatessa

[5] Fol.96-98

Dr.Veronica Aquilina kuratur sabiex tidher ghall-kontumaci jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------